MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 382/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limted (C-597)**

**Vs**

**Peter Abela**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija u sitta u sittin Lira Maltin u disa u tletin centezmu (Lm366.39c) rapprezentanti bilanc ta' hlasijiet effetwati mis-socjeta' attrici li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Gunju, 2002, gewwa Triq E. Bradford, San Pawl tat-Targa, bejn il-vettura misjuqa

mill-konvenut, bin-numru ta' registrazzjoni DAB 287 u l-vettura proprjeta' ta' Antoinette Zammit bin-numru ta' registrazzjoni JFZ 888, u dan wara illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta' attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma' kien obbligat illi jaghmel ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza, u jintitola lis-socjeta' attrici sabiex tirkupra l-ammonti kolha minnha mhallsa at termini ta' l-istess.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali

Ra li l-konvenut baqa ma  pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu pprezentat minn Dr Letizia Borg Cristiano fl-4 ta' Ottubru, 2006;

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------